31 ta' Mejju, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*

Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Emmanuele Vella *versus* Raffaele Barbara

**Att ta' Kummerċ — Bejgħ u Xiri ta' Bini — Kummerċjant — Kompetenza — Appell — Proċedura — Nullità — Art. 4, 5 (h), u 37 (2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ — Art. 779 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Min jinnegozja fix-xiri u bejgħ ta' bini bi spekulazzjoni kummerċjali jagħmel att ta' kummerċ; u meta jieħu biċċa art bil-ħsieb li in segwitu jerġa' jikkonċediha biċċa biċċa biċ-ċens, u dan ikun ix-xogħol tiegħu, u b'dan ix-xogħol huwa jgħix, għandu jitqies bħala kummerċjant, u kull azzjoni li titnissel minn operazzjoni simili taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ. Xejn ma jiswa li dik l-azzjoni kontra tiegħu tkun konsegwenza ta' kawża oħra quddiem il-Qorti Ċivili fejn huwa ma jkunx ikkontesta n-natura ċivili ta' l-operazzjoni; u għalhekk lanqas ma tiswa l-allegazzjoni li b'hekk huwa ġie aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ċivili; għax, apparti milli huwa jista' f'din il-kawża jissolleva kull eċċezzjoni li jidhirlu opportuna u li ma jkunx issolleva fil-kawża l-oħra, basta valida u legali, hu fatt li l-kompetenza "ratione materiae" hi ta' ordni publiku, u l-Qorti tista', anzi għandha d-dover, tissolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione materiae" anki "ex officio".*

*Jekk imbagħad il-Qorti tkun iddikjarat ruħha inkompetenti "ratione materiae", il-liġi tistabbilixxi proċedura speċjali li għandha tiġi segwita, fis-sens illi, qabel ma l-kawża tiġi mressqa quddiem Qorti oħra, għandha tiġi, b'rikors, adita l-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, biex din tistabbilixxi definittivament liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża. U billi r-regoli tal-proċedura huma ta' ordni publiku, l-inosservanza tagħhom iġġib is-sanzjoni tan-nullità; u għaldaqstant, jekk din il-proċedura speċjali tiġi injorata, u minflok isir appell mid-deċiżjoni ta' l-inkompetenza b'mod divers minn dak hekk stabbilit, dak l-appell huwa irritu u null, u ma jistax jiġi attiż.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut obliga ruħu, bi skrittura privata tat-30 ta' Lulju, 1955, li jakkwista b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa minn għandu biċċa art fabbrikabbli diviża mit-territorju "tal-Imsierah", fil-limiti ta' San Ġiljan, tal-kejl ta' 256 qasab kwadri, versu s-subċens ta' £36. 16. 0. fis-sena, kalkulat bir-rata ta' 2s. 10½d. il-qasba kwadra; u illi, wara illi l-istess skrittura privata tat-30 ta' Lulju, 1955 kienet imġedda bi skrittura oħra tat-30 ta' Settembru 1955, il-konvenut kien naqas li jaddivjeni għall-kuntratt opportun, li in segwitu seta' biss jiġi publikat fit-8 ta' Awissu 1956, in forza tas-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Ġunju 1956, fil-kawża fl-ismijiet "Emanuele Vella vs. Raffaele Barbara"; u illi, minħabba d-dewmien fil-publikazzjoni tal-kuntratt relattiv għat-trasferiment tas-sit fabbrikabbli fuq imsemmi, huwa sofra danni, konsistenti prinċipalment fit-telf tas-subċens jew renta oħra għall-perijodu mill-31 ta' Ottubru 1955 sas-7 ta' Awissu 1956, danni li għalihom hu responsabbli l-konvenut; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-istess konvenut jiġi kundannat iħallsu dak l-ammont likwidabbli, prevja, okkorrendo, id-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli lejh ta' dawn id-danni, kaġunati mid-dewmien fil-publikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tas-sit fabbrikabbli fuq imsemmi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-26 ta' Marzu, 1957, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenut, u ddikjarat li din il-kawża mhix ta' kompetenza tagħha; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li huwa ħa b'ċens il-biċċa art imsemmija fiċ-ċitazzjoni bil-ħsieb li in segwitu huwa jerġa jikkonċediha, biċċa biċċa, biċ-ċens, billi dan hu x-xogħol tiegħu, u b'dan ix-xogħol igħix; u

kif ġie verbalizzat fis-seduta tas-26 ta' Frar 1957, l-attur ma jikkontestax il-fatt li l-konvenut jinnegozja fil-bejgħ u x-xiri tal-bini. Għalhekk, dak li għamel il-konvenut hu att ta' kummerċ (art. 5 (h) Kap. 17), u konsegwentement huwa għandu jiġi ritenut li hu kummerċjant (art. 4 Kap. 17), u l-kompetenza ta' din il-kawża hi kummerċjali, skond id-dispost tal-art. 37 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi l-attur jissottometti illi din il-kawża hi konsegwenza tal-kawża l-oħra msemmija fiċ-ċitazzjoni, li fiha l-konvenut ma kkontestax in-natura ċivili tal-operazzjoni tiegħu u għalhekk huwa ġie aċċetta l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Din is-sottomissjoni mhix aċċettabbli. Apparti li ma jistax jingħad, almenu għal kollox, li din il-kawża hi konsegwenza neċessarja tal-kawża l-oħra msemmija, u għalhekk fiha l-konvenut jista' jissolleva kull eċċezzjoni li jidhirlu opportuna, basta valida u legali, li ma kienx issolleva f'dik il-kawża, hu fatt li l-kompetenza "ratione materiae" hi ta' ordni publiku (Vol. XXIX-II-468), u l-Qorti tista', anzi għandha d-dover li tissolleva l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione materiae" anki "ex officio" (art. 775 Kap. 15; Vol. XXIX-II-808); b'mod li fil-każ taħt konsiderazzjoni din l-eċċezzjoni, kieku ma ġietx sollevata mill-konvenut, kienet tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio";

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi respinta l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut dwar l-inkompetenza tal-Qorti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bis-sentenza appellata l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina ddikjarat ruħha inkompetenti "*ratione materiae*". F'dan il-każ, il-liġi (art. 779 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) tistabbilixxi proċedura speċja-

li; fis-sens li, qabel ma l-kawża tkun tista' tiġi mressqa quddiem Qorti oħra, għandha tiġi, b'rikors, adita din il-Qorti biex jiġi minnha definittivament stabbilit liema hija l-Qorti kompetenti. Huwa magħruf li r-regoli tal-proċedura huma ta' ordni publiku, u l-inosservanza tagħhom iġġib is-sanzjoni tan-nullità;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant, flok ma ottempera ruħu għall-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, injoraha u ppromwova dan l-appell b'mod divers minn dak hemm stabbilit; bil-konsegwenza li dak l-appell huwa irritu u null, u għalhekk ma jistax jiġi attiż;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenut appellat, u tiddikjara irritu u null l-appell; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.